MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 157/2000/2

**Carmel Attard**

**v.**

**Mario Debono, Sandra Spiteri, Francesco Sultana u b'digriet tas-27 ta' Dicembru 1994 gew kjamati fil-kawza Giuseppa Cassar, Carmela Borg, Victoria Galea, Joseph u Rose konjugi Cassar.**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti</u>**

Dan hu appell minn sentenza ta' ritrattazzjoni moghtija minn qorti ta' prim istanza. Is-sentenza li qed tigi appellata nghatat fil-15 ta' Ottubru 2002 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, u permezz taghha giet michuda t-talba ghal ritrattazzjoni ta' kawza, fl-istess ismijiet[1], li kienet giet deciza minn dik l-istess Qorti – sedenti, pero`, Magistrat differenti – fl-20 ta' Gunju 2000. A skans ta' ripetizzjoni inutili, qed tigi annessa ma din is-sentenza bhala Dok. "A" kopja tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002 biex tifforma parti integrali mill-gudikat odjern. Dan qed isir peress li l-fatti li taw lok ghall-kawza originali (deciza fl-20 ta' Gunju 2000) ma tantx huma relevanti ghall-finijiet ta' l-appell odjern. Dak li huwa relevanti – u dan in kwantu l-ewwel Qorti injorat, kif ser jigi spjegat aktar 'l quddiem, cirkostanza procedurali importanti – hija l-motivazzjoni li a bazi taghha il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri cahdet – fis-sentenza taghha tal-15 ta' Ottubru 2002 – it-talba ghar-ritrattazzjoini. Din il-motivazzjoni tghid hekk:

**"L-atturi qeghdin bl-odjerna citazzjoni jitolbu r-ritrattazzjoni tal-kawza, citazzjoni numru 167/1994, fl-ismijiet "Carmel Attard et –vs- Mario Debono et", deciza fl-20 ta' Gunju 2000 minn dina l-Qorti differentement preseduta. Il-bazi ghad-domanda ta' ritrattazzjoni huwa l-Artikolu 811(e) tal-Kap 12, cioe', fuq li s-sentenza, li taghha qeghdha tintalab ir-ritrattazzjoni, "applikat il-ligi hazin". Is-subinciz invokat jispjega li "ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar l-interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni".**

**"Il-konvenuti opponew t-talba tal-attur ghar-ritrattazzjoni fuq li lkoll sostnew illi ma jissussistux ir-rekwiziti taht l-Artikolu 811(e) tal-Kap 12 li jiggustifikaw l-akkoljiment tat-talba. Il-konvenuti Joseph u Rose konjugi Cassar eccipew ulterjorment**

[1] Proprjament l-ismijiet ma kienux ezattament l-istess, ghax filwaqt li fis-sentenza tal-20 ta' Gunju 2000 l-atturi kienu Carmel u Carmen konjugi Attard, it-talba ghar-ritrattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti ghamilha biss Carmel Attard.

**“in-nullita tal-kawza billi c-citazzjoni hija nieqsa mir-rekwiziti essenzjali msemmija fl-Artikolu 816 tal-Kap 12 ”.**

**“Illi jkun utili li l-Qorti titratta l-ewwel din l-ahhar eccezzjoni billi gerarkikament tissupera kull eccezzjoni ohra fuq il-meritu. Din l-eccezzjoni tinvoka l-Artikolu 816 li jipprovdi li “Fic-citazzjoni jew fir-rikors, l-attur ghandu jsemmi wiehed wiehed il-kapi tas-sentenza li jkun irid jattakka, u r-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni fi kliem li huma migjuba fl-artikolu 811, u ghandu jsemmi d-disposizzjonijiet ta’ dak l-artikolu li jghoddu ghal dawk ir-ragunijiet. Barra minn dan, l-attur ghandu jfisser, fil-qosor u bic-car, il-fatti li minnhom tirrizulta kull wahda minn dawk ir-ragunijiet; u meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata”.**

**“L-attur fic-citazzjoni tieghu irriproduca ic-citazzjoni originali elenkanti t-talbiet hemm formulati u ippremetta in sostenn tat-talba odjerna ghar-ritrattazzjoni li hu qieghed jibbazha fuq l-Artikolu 811(e), ossija, li s-sentenza applikat il-ligi hazin, billi irritjena generikament li “kuntrarjament ghal dak li irriteniet il-Qorti huwa permess mil-ligi li jekk jirrizulta zball f’att notarili dan jista’ jigi korrett bhal kwalunkwe zball iehor” li indubbjament ma jissodisfax il-vot mandatarjament impost mic-citat Artikolu 816 specjalment ghal dak li jirrigwarda r-rekwiziti ta’ citazzjoni valida meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni hi “l-applikazzjoni hazina tal-ligi”.**

**“Din il-Qorti tifhem li meta l-Artikolu 816 jimponi li fic-citazzjoni jew rikors ghandha tissemma’ l-ligi li kien imissha giet applikata dan ifisser xejn inqas milli jigi indikat l-artikolu tal-ligi li kellu jkun applikat minflok. Fil-kawza *Azzopardi vs Gerada* (Vol.VII.526) intqal li hemm applikazzjoni hazina tal-ligi meta jkun hemm “ la violazione manifesta di una legga espressa, chiara, non soggetta ad interpretazione, ne a raziocinio o argomenti” ribadita sussegwentement fis-sentenza**

***Aquilina vs Aquilina*** **(Vol. XLII.i.22);** ***Camilleri vs Bezzina*** **(Vol. XXIII.i.264);** ***Wismayer vs Wismayer*** **(Vol.XXIX.i.795);** ***Xuereb vs Xuereb*** **(Appell 20.01.1992);** ***Micallef vs Pavia*** **(Appell 1994); u** ***Dalli vs Sare'*** **(Vol.LXXX.ii.373) fejn il-Qorti affermat li hu proprju ghalhekk li f'dawn il-kazijiet il-ligi tesigi espressament illi r-ritrattant ghandu jindika fil-petizzjoni tieghu liema artikolu tal-ligi kellu jigi fil-fehma tieghu applikat mill-Qorti li ippronuncjat is-sentenza applellata".**

**"Issa dan pero' mhux l-uniku ostakolu ghall-kawza proposta billi anki jekk** ***dato ma non concesso*** **dan id-difett gie sanat fil-waqt li l-attur fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu indika liema artikolu tal-ligi, fil-fehma tieghu, kellu jigi applikat, certament ma irnexxilux jirribatti l-ecczzjoni fuq il-meritu ossia dik li ma jissussistux r-rekwiziti li jiggustifikaw ir-ritrattazzjoni fit-termini tac-citat Artikolu 811(e) tal-Kap 12. Id-detami tal-imsemmi Kap 12 fuq l-istitut tar-ritrattazzjoni anke fuq l-iskorta ta' l-Artikolu 823 jipprospetta zewg skopijiet fl-iter tal-gudizzju ta' ritrattazzjoni li dottrinalment huma maghrufa bhala il** ***rescindente*** **u il** ***recissorio*****. Fl-istadju prezenti ta' dan il-gudikat qeghdin fl-ewwel kamp jigifieri dak li tigi annullata s-sentenza attakkata u li ghaddiet in gudikat b'dan li qabel ma jigix trattat l-istadju recissorio (bit-thassir tas-sentenza attakkata) kien jispetta lill-attur "li juri ghaliex kien hemm nuqqas tant gravi skond il-premessi fic-citazzjoni li dan il-kaz jimmerita li jigi ritrattat" (Vol.LXXX.ii.298).**

**"Illi huwa proprju f'dan il-kuntest li wkoll tirrokka l-azzjoni tal-attur billi huwa altru li indubitat li dik il-Qorti applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz u certament mhux kaz li dik il-Qorti applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin jew applikat il-ligi hazin. Dan jirrizulta** ***icto oculi*** **kif tajjeb u altru li esawrjentement urew l-konvenuti fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom.**

**“Ghalhekk, tiddeciedi li tichad l-ewwel talba u konsegwentement wkoll it-tieni talba tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.”**

Jigi ipprecizat li mis-sentenza ta’ l-20 ta’ Gunju 2000, Carmel Attard – li allura kien ko-attur f’dik il-kawza flimkien ma’ martu Carmen – ma appellax. Minflok, kif rajna, intalbet ir-ritrattazzjoni.

**<u>L-appell u r-risposti</u>**

L-attur appella minn din is-sentenza. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. illi mhux necessarju illi l-attur jindika espressament l-artikoli tal-ligi applikabbli fic-citazzjoni ghal ritrattazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12, jekk dawn l-artikoli jirrizultaw mill-atti tal-kawza jew fit-trattazzjoni;
2. illi l-ewwel Qorti ma tat l-ebda raguni ghaliex irriteniet illi fis-sentenza li taghha qieghda tigi mitluba r-ritrattazzjoni kienet giet applikata l-ligi korretta.

Fir-risposti taghhom, l-appellati regghu irribadew l-argumenti taghhom quddiem l-ewwel Qorti u l-argumenti li fuqhom strahet l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha. Pero` l-appellati Joseph u Rose konjugi Cassar eccepew ukoll in linea preliminari li l-appell huwa monk, irritu u null billi fih ma saritx esposizzjoni tal-fatti li taw lok ghall-appell kif titlob il-ligi.

**<u>Kwistjoni sollevata *ex officio*</u>**

Fl-udjenza tat-13 ta’ Gunju 2005, din il-Qorti (cioe` l-Qorti ta’ l-Appell) *ex officio* gibdet l-attenzjoni tal-partijiet ghal jekk jistax ikun hemm appell minn sentenza ta’ ritrattazzjoni quddiem il-Prim’Awla li tkun cahdet it-talba ghal ritrattazzjoni. Id-difensuri ta’ l-appellati ghal kull buon fini iddikjaraw li jaqblu ma’ l-appellant li f’dan il-kaz hemm dritt ta’ appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tal-15 ta’ Ottubru 2002 u dan

indipendentement mis-senjalazzjoni tal-Qorti li jista' jkun il-kaz li tali dritt ta' appell ma jezistix f'dan il-kaz. Nonostante l-fatt din il-Qorti tat il-fakolta` lill-appellant li jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet u riferenzi dwar il-kwistjoni ta' l-appellabilita` o meno tas-sentenza appellata, huwa baqa' ma ressaq xejn bil-miktub ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Illi huwa opportun illi fl-ewwel lok tigi xolta r-riserva dwar il-kwistjoni ta' l-appellabilita` o meno tas-sentenza appellata, stante illi jekk jirrizulta li ma hemmx dritt ta' appell, ikun inutli li din il-Qorti tidhol fil-meritu ta' l-aggravji ta' l-appellant.

Jinghad qabel xejn illi kif inhuwa risaput hafna mid-disposizzjonijiet procedurali huma ta' ordni pubbliku, u huma *"essenzjalment u raggjonalment mizuri ta' dixxiplina jew ta' sikurezza processwali li mill-osservanza taghhom jibbenefika imbaghad in generali l-andament kif imiss u kif jixraq tas-sistema kollu"* [2]. Konsegwentement din il-Qorti ghandha mhux biss dritt izda d-dover li tissolleva kwistjonijiet procedurali *ex officio.*

Hu xieraq li jigi sottolinejat ukoll illi, kif inhu pacifiku fil-gurisprudenza u fid-dottrina, *"ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu rimedju straordinarju, in kwantu jidderoga ghall-principju tal-irrevokabilita' tal-gudikati; u ghalhekk ma jammettix interpretazzjoni estensiva"* [3].

Fil-kawza odjerna l-appellant qieghed jintenta appell minn sentenza dwar ritrattazzjoni ta' sentenza ta' Qorti ta' l-ewwel grad, meta huwa naqas li juzufruwixxi ruhu mir-rimedju ordinarju ta' appell mis-sentenza li taghha qieghed issa jitlob ir-ritrattazzjoni. Issa, kif din il-Qorti,

---

[2] ***Francis T. Gera noe v. Edward Camilleri et*** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 14 ta' Frar 1973; ara wkoll ***Arthur Taliana et v. Godwin Falzon pro et noe*** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 5 ta' Marzu 2003.

[3] ***Giuseppe Tabone et v. Ursola Farrugia et*** Qorti ta' l-Appell 11 ta' Dicembru 1950, Vol. XXXIV-i-239; ara wkoll ***Saviour Cilia et v. Gasan Insurance Agency Limited noe*** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 6 ta' Ottubru 2004, u ***Joseph Zammit v. Carmelo Dingli et*** Qorti ta' l-Appell 9 ta' Mejju 2005.

diversament komposta, osservat fis-sentenza tas-7 ta' Dicembru 1964 fil-kawza fl-ismijiet ***Benjamin Sultana v. Giuseppe Sammut*** [4]

**"Anqas il-fatt li ma jkunx sar l-appell m'hu fih innifsu raguni ta' eskluzjoni mir-ritrattazzjoni. Dak li l-ligi tipprovdi hu biss illi, fil-kaz ta' talba ghar-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza ta' Qorti ta' prim'istanza li tkun ghaddiet f'gudikat, jinhtieg illi l-parti li titlob ir-ritrattazzjoni tkun giet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell. Naturalment jekk il-parti li titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li jaghtu lok ghaliha meta hi, kienet ghada tista utilment tinqeda bir-rimedju ordinarju ta' l-appell, hu sewwa li hi ma tkunx tista' tigi ammessa li tezercita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni."**

Fil-fatt, l-Artikolu 812 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi illi: *"Ir-ritrattazzjoni ta' kawza deciza b'sentenza moghtija* *<u>minn qorti ta' l-ewwel grad</u>, u li ghaddiet f'gudikat, tista' tinghata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wiehed mill-kazijiet imsemmijin fl-ahhar artikolu qabel dan, <u>basta</u> li l-parti tkun giet taf bil-fatti illi minhabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, <u>wara li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell</u>."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Ghalhekk, fil-kaz ta' decizjonijiet minn qorti ta' prim istanza l-ligi ta' procedura <u>tirrikjedi tassattivament xi haga ohra</u>: cioe` li r-ritrattand jehtieglu jiddimostra u jissodisfa ukoll bhala pre-kondizzjoni sabiex it-talba tieghu tinghata widen illi hu sar jaf bil-fatti li jintitolawh iressaq it-talba ghar-ritrattazzjoni wara li kien skorra z-zmien ta' l-appell (ara wkoll ***Arthur Taliana et v. Godwin Falzon pro et noe*** u ***Saviour Cilia et v. Gasan Insurance Agency Limited noe*** li diga` saret referenza ghalihom – noti *in calce* nru 2 u 3, *supra*; ara wkoll ***Vincent Azzopardi v. Blye Engineering Co. Ltd*** Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri), 28 ta' Jannar 2004). Fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994 fil-kawza fl-ismijiet ***Joseph Cardona v.***

---

[4] Vol. XLVIII-i-532.

***Marija Scicluna***, il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat hekk dwar dan l-Artikolu 812:

**"Il-bazi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istatut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni taghha mill-principju kardinali li s-sistema gudizzjarju hu mibni fuq l-opportunita` ta' appell wiehed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess hlief f'kazijiet eccezzjonali li l-Qorti terga' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew iehor ghadda in gudikat u jaghmel stat bejn il-partijiet. Hu ghalhekk li gustament il-ligi tal-procedura biex tiffavorixxi l-istat ta' certezza ta' dritt tkompli targina u tillimita l-opportunita` ta' ritrattazzjoni ta' kawzi decizi mill-Qorti ta' l-ewwel grad ghall-kazijiet eccezzjonali kif provdut fl-Artikolu 812 fuq citat. Kazijiet li jezigu bhala rekwizit *sine qua non* illi l-parti tkun giet taf bil-fatt li mhabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni <u>wara</u> li jkun ghalaq iz-zmien ta' l-appell."**

Issa, fil-kaz odjern, l-attur appellant qieghed jitlob ir-ritrattazzjoni a bazi ta' dak li jiddisponi l-Artikolu 811(e) tal-Kapitolu 12, u cioe` qieghed jallega applikazzjoni hazina tal-ligi fis-sentenza attakkata. Imkien f'dawn il-proceduri ma allega – u wisq anqas ressaq provi – illi hu sar jaf bil-fatti li kienu jintitolawh ifittex dan ir-rimedju tar-ritrattazzjoni <u>wara</u> li kien skada t-terminu ta' l-appell. Mill-atti ta' din il-kawza ma jirrizultax li kien hemm xi haga li setghet tipprekludih milli jinterponi appell formali u fiz-zmien statutorjament utli u jissolleva l-lanjanza tieghu ta' applikazzjoni hazina tal-ligi f'dak l-appell.

Konsegwentement l-attur appellant naqas li jissodisfa l-pre-kondizzjoni stabbilita mil-ligi procedurali illi hu sar jaf bil-fatti li fuqhom qed jibbaza t-talba ghar-ritrattazzjoni <u>wara</u> li s-sentenza attakkata ghaddiet in gudikat. Isegwi wkoll li l-attur appellant certament ma jistax jippretendi li ghall-inerzja tieghu ghandu jigi premjat bir-rimedju tar-ritrattazzjoni. Proprju ghaliex straordinarju dan ir-rimedju ma hux miftuh ghal min jonqos fid-difiza tieghu jew ihalli l-kawza tigi deciza u t-terminu ta' l-appell jiddekorri biex imbaghad jirrikorri ghall-imsemmi rimedju.

Ghalhekk, ghall-ezercizzju ta' l-azzjoni odjerna, meta l-allegata applikazzjoni hazina tal-ligi setghet giet sollevata f'appell mill-ewwel gudizzju, huwa ta' ostaklu l-gudikat:

**"Kieku ma kellux jigi ritenut hekk, kien ikun facli hafna, ghal kull parti f'kawza, li tipprova tissovverti is-sentenzi li jkunu ghaddew f'gudikat, b'mod illi l-principju ta' l-istabilita` tal-gudikati kien jista' jigi eluz."** [5] .

Gialadarba l-ligi ma taghtix lill-attur appellant id-dritt pretiz minnu ta' azzjoni biex jintenta l-azzjoni odjerna, *multo magis* l-istess attur appellant ma jistax legalment ikollu dritt ta' appell mis-sentenza tal-qorti tal-prim istanza li biha giet michuda t-talba tieghu ghal ritrattazzjoni.

In vista' ta' dan, ma hemmx lok li din il-Qorti tindaga ulterjorment dwar l-aggravji fil-meritu ta' l-appellant.

Ghall-motivi premessi – li ghalhekk huma differenti minn dawk ta' l-ewwel Qorti – tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jithallsu kollha mill-appellant Carmel Attard.

Deputat Registratur
Gr

<u>Dok "A"</u>

Kopja tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002 qed tigi annessa ma din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---

[5] ***Androcles Scicluna v. John Caruana*** Appell Civili 25 ta' April 1975; ara wkoll ***Joseph Zammit v. Carmelo Dingli et*** gja citata, nota *in calce* nru 3, *supra*.

---------------------------------TMIEM---------------------------------